

32007D0075

6.2.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 32/189

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tat-22 ta' Diċembru 2006****li tistabbilixxi grupp espert dwar it-trasferiment ta' prezzijiet**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi:

- (1) L-istudju "It-tassazzjoni tal-Kumpaniji fis-Suq Intern<sup>1</sup>" imħejji mis-Servizzi tal-Kummissjoni wera l-importanza li qed tiżdied tal-problemi fiskali relatati mat-trasferiment tal-prezzijiet bħala kwistjoni tas-Suq Intern.
- (2) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Lejn Suq Intern mingħajr ostakoli fiskali – strateġija li tipprovdi l-kumpaniji b'bażi fiskali korporattiva konsolidata għall-attivitajiet tagħhom madwar l-UE"<sup>2</sup> il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-ħtieġa li sejjaħ l-għarfien espert ta' speċjalisti fil-qasam tat-trasferiment tal-prezzijiet.
- (3) FI-2002, twaqqaf b'mod informali l-"Forum Konġunt tal-UE dwar it-Trasferiment tal-Prezzijiet".
- (4) Mindu ġie stabbilit il-"Forum Konġunt tal-UE dwar it-Trasferiment tal-Prezzijiet" dan ipprova għal forum ta' diskussjoni utli bejn l-Istati Membri u s-settur privat li wasslet lill-Kummissjoni biex tipproponi żewġ Kodiċijiet ta' Kondotta li ġew adottati sussegwentement mill-Istati Membri fil-Kunsill.
- (5) Billi l-esperjenza ta' dan il-forum u l-ħtieġa kontinwa tal-Kummissjoni għal korp bħal dan kienet waħda pożittiva, il-kontinwazzjoni tal-ħidma ta' dan il-forum għandha tiġi stipulata f'att formali. Huwa għalhekk meħtieġ li jitwaqqaf grupp ta' esperti fil-qasam tal-trasferiment tal-prezzijiet u li jiġu definiti l-ħidmiet tiegħu u l-istruttura tiegħu.
- (6) Il-grupp espert għat-trasferiment tal-prezzijiet għandu jkun magħmul minn esperti tas-setturi governattivi u privati fil-qasam tat-trasferiment tal-prezzijiet.

---

<sup>1</sup> SEC(2001) 1681, 23.10.2001

<sup>2</sup> COM(2001) 582 finali, 23.10.2001

- (7) Il-grupp espert għat-trasferiment tal-prezzijiet għandu jgħin u jagħti parir lill-Kummissjoni fi kwistjonijiet fiskali relatati mat-trasferiment tal-prezzijiet.
- (8) Għandhom jitfasslu regoli dwar l-iżvelar ta' tagħrif minn membri tal-grupp, bla ħsara għar-regoli dwar is-sigurtà stipulati li huma annessi mar-regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni wara d-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom<sup>3</sup>.
- (9) Id-dejta personali kollha relatata mal-membri tal-grupp għandha tkun ipproċessata b'konformità mar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-ħarsien ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' din id-dejta<sup>4</sup>.
- (10) Huwa xieraq li jiġi stabbilit perjodu għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Malli jasal il-waqt, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk estensjoni tkunx f'lokha,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

#### **Grupp espert għat-trasferiment tal-prezzijiet**

Se jitwaqqaf grupp espert għat-trasferiment tal-prezzijiet minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"grupp", b'effett mill-1 ta' Marzu 2007.

Il-grupp għandu jkun magħruf bħala "Il-Forum Konġunt tal-UE dwar it-Trasferiment tal-Prezzijiet".

### *Artikolu 2*

#### **Ħidmiet**

Il-ħidmiet tal-grupp għandhom ikunu kif ġej:

- il-ħolqien ta' pjattaforma fejn l-esperti tal-kumpaniji u tal-amministrazzjoni fiskali nazzjonali jistgħu jiddiskutu l-problemi dwar it-trasferiment tal-prezzijiet li jiffurmaw ostakoli għall-attivitajiet kummerċjali transkonfinali fil-Komunità
- l-għoti ta' parir lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ta' trasferiment ta' prezzijiet
- għajjnuna lill-Kummissjoni biex issib soluzzjonijiet prattiċi, kompatibbli mal-Linji Gwida tal-OECD<sup>5</sup>, għall-kisba ta' applikazzjoni aktar uniformi tar-regoli dwar it-trasferiment tal-prezzijiet fil-Komunità.

<sup>3</sup> ĠU L 317, 3.12.2001, p 1.

<sup>4</sup> ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

<sup>5</sup> Linji Gwida tal-OECD għat-Trasferiment tal-Prezzijiet għall-Intrapriżi Multinazzjonali u għall-amministrazzjoni tat-Taxxa, adottati f' Lulju 1995.

*Artikolu 3***Konsultazzjoni**

1. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-grupp dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mat-trasferiment tal-prezzijiet.
2. Il-President tal-grupp jista' jagħti parir lill-Kummissjoni li huwa mixtieq li l-grupp jiġi kkonsultat dwar mistoqsija speċifika.

*Artikolu 4***Sħubija - Ħatra**

1. Il-grupp għandu jinkludi sa 43 membru magħmul kif ġej:
  - (a) Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru.
  - (b) Sa 15-il rappreżentant mis-settur privat.
  - (c) President
2. Il-membri li jirrappreżentaw lill-Istati Membri għandhom jinħatru mill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati. Dawn il-membri għandhom ikunu persuni fis-servizz ċivili li għandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet ta' trasferimenti ta' prezzijiet.
3. Il-membri tas-settur privat għandhom jinħatru mill-Kummissjoni minn speċjalisti b'esperjenza u kompetenzi fil-kwistjonijiet ta' trasferimenti ta' prezzijiet.
4. L-applikanti li jitqiesu xierqa għas-sħubija iżda li ma jinħatrux jistgħu jitniżżlu fuq lista ta' riżerva, li l-Kummissjoni tista' tuża għall-ħatra ta' sostituzzjonijiet.
5. Il-membri mis-settur privat għandhom jinħatru f'kapaċità personali u għandhom jagħtu parir lill-Kummissjoni indipendentement minn kull influwenza esterna.
6. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni fi żmien xieraq b'kull kunflitt ta' interessi li jista' jikkomprometti l-imparzjalità tagħhom.
7. Il-Kummissjoni għandha wkoll taħtar President.
8. Il-membri tal-grupp għandhom jinħatru għal kariga ta' sentejn li tista' tiġġedded. Għandhom jibqgħu fil-kariga sa meta jiġu ssostitwiti jew jispiċċalhom il-mandat.
9. Il-Membri jistgħu jinbidlu għall-bqija tal-perjodu tal-ħatra tagħhom fi kwalunkwe każ minn dawn li ġejjin:
  - (a) meta l-membru jirriżenja;
  - (b) meta l-membru mhux kapaċi aktar li jikkontribwixxi b'mod effettiv fid-deliberazzjonijiet tal-grupp;

- (c) meta l-membru ma josservax l-Artikolu 287 tat-Trattat;
  - (d) meta, għall-kuntrarju ta' paragrafu 5, il-membru ma jkunx indipendenti minn kwalunkwe influwenza esterna;
  - (e) meta, kuntrarju għal paragrafu 6, il-membru naqas milli javża lill-Kummissjoni fi żmien xieraq dwar kunflitt ta' interessi.
10. L-ismijiet tal-membri maħtura f'kapaċità personali għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tad-DĠ TAXUD. L-ismijiet tal-membri għandhom jinġabru, jiġu pproċessati u ppubblikati skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

### *Artikolu 5*

#### **Il-ħidma**

11. Il-Kummissjoni għandha taħtar il-President tal-grupp.
12. Bi ftehim mal-Kummissjoni, il-grupp jista' jwaqqaf sottogrupperi biex jeżaminaw il-kwistjonijiet speċifiċi skont it-termini ta' referenza stabbiliti mill-grupp. It-tali sottogrupperi għandhom jiġu xolti hekk kif jintemm il-mandat tagħhom.
13. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jistieden esperti jew osservaturi b'kompetenza speċifika f'suġġett fuq l-aġenda biex jipparteċipaw fil-ħidma tal-grupp jew fid-deliberazzjonijiet jew ħidma tas-sottogrupp, meta, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, dan ikun meħtieġ jew utli.
- B'mod partikolari, ir-rappreżentanti tal-pajjiżi kandidati u mis-Segretarjat tal-OECD jistgħu jkunu mistiedna bħala osservaturi.
14. It-tagħrif miksub mis-sehem fid-deliberazzjonijiet jew fil-ħidma tal-grupp jew ta' sottogrupp għandu jinżamm mistur, jekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, dak it-tagħrif jittratta kwistjonijiet kunfidenzjali.
15. Il-grupp u s-sottogrupperi tiegħu għandhom normalment jiltaqgħu fil-bini tal-Kummissjoni skont il-proċeduri u l-iskeda stabbilita minnha. Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi s-servizzi ta' segretarjat.
16. Uffiċjali oħrajn tal-Kummissjoni b'interess fil-proċedimenti jistgħu jattendu dawn il-laqgħat.
17. Il-grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi tar-regoli standard ta' proċedura adottati mill-Kummissjoni.
18. Il-Kummissjoni tista' tippubblika, jew turi fuq l-Internet<sup>6</sup>, fil-lingwa oriġinali tad-dokument ikkonċernat, kwalunkwe taqsira, konklużjoni, jew parti minn konklużjoni jew dokument ta' ħidma tal-grupp.

---

<sup>6</sup> [http://ec.europa.eu/taxation\\_customs/taxation/company\\_tax/transfer\\_pricing/forum/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/company_tax/transfer_pricing/forum/index_en.htm)

*Artikolu 6***Rimborż tal-ispejjeż**

L-ispejjeż tal-vjaġġ u, fejn meħtieġ, tas-sussistenza għall-membri, l-esperti u l-osservaturi fl-ambitu tal-attivitajiet tal-grupp għandhom jitħallsu lura mill-Kummissjoni b'konformità mar-regoli tal-Kummissjoni dwar ir-rimborż ta' spejjeż għal esperti esterni.

Il-membri, l-esperti u l-osservaturi ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi mogħtija.

L-ispejjeż għal-laqgħat għandhom jitħallsu lura fil-limiti tal-baġit annwali allokat għall-grupp mid-dipartiment kompetenti tal-Kummissjoni.

*Artikolu 7***Skadenza**

Id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Marzu 2011.

Magħmula fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*  
*László KOVÁCS*  
*[Membru tal-Kummissjoni]*